MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1991/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Neville Borg (ID: 223379 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Neville Borg**

**Vs**

**Veronique Fenech (ID: 312873 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ seba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm767.32c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet li mhix responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenuta qalet:

“As I was going to emerge from where I was parked I looked from the mirror and saw the other car quite away. As I emerged he came, he came gas down.”

Neville Borg qal:

“As I was coming slowly she emerged.”

Alain Gunter, xhud fuq il-post qal:

“At the time of the incident my wife and I were outside on the boat. I saw car number NEV 479 coming at very high speed straight into the other car that was emerging from its park.”

Ra x-xhieda ta’ Neville Borg fejn jghid li dakinhar ta’ l-incident dahal fil-Yacht Marina u meta dar dawra, l-konvenuta harget minn gol-parking u sar l-impatt. Jghid illi t-triq tal-Yacht Marina mhix dritta u certu postijiet qishom *blind corner*.

Jghid ukoll illi wara l-habta kien gie l-pulizija u meta ra l-*brake marks* m’emminx li Borg kien ghaddej bi tletin jew erbghin kilometru fis-siegha. Jichad li kien ghaddej bi speed qawwi. Borg jghid illi l-*brake marks* kienu ta’ hames metri u mhux ta’ tmienja u tmenin metru.

Jghid ukoll illi l-incident gara fid-dawl izda lahaq dalam meta gie l-pulizija.

Borg jghid illi ra l-konvenuta l-ewwel darba meta kien ghadu xi hames metri ‘l boghod. Ma jaqbilx ma’ l-iskizz izda jaqbel bil-pozizzjoni tal-karozzi fl-istess skizz.

Jghid ukoll li meta ra l-karozza tal-konvenuta hierga, gibed l-isteering fuq il-lemin pero’ ma kienx hemm bizzejjed distanza sabiex jevita l-habta.

Ra x-xhieda ta’ PS 909 Paul Buhagiar fejn jikkonferma l-iskizz u r-*Road Accident Report*. Jikkonferma wkoll illi l-*brake marks* kienu ta’ tmienja u tmenin metru. Jikkonferma wkoll li biex kejjel l-istess *brake marks* xeghel il-*bright* ta’ xi karozza.

Jghid illi hemm bicca ta’ kurva qabel ma tigi ghall-post fejn gara l-incident.

Ra illi l-konvenuta naqset milli tipproduci provi u naqset milli tixhed.

Illi l-konvenuta kellha l-obbligu li qabel ma tohrog minn *parking area* tassigura li ma tostakola l-ebda traffiku.

Illi l-attur jikkontesta l-allegazzjoni tal-pulizija li hu halla tmienja u tmenin metru *brake marks*.

Illi hemm diversi sentenzi li jikkunsidraw il-kwistjoni ta’ velocita’ eccessiva. Illi fil-kawza **Mamo Vs Doublesin - PA 9/4/1963** gie ddikjarat:

“L-ispeed eccessiv ta’ sewwieq jista’ jkun fattura ghar-responsabbilta’ kontributorja meta l-htija principali ta’ kollizjoni tkun tas-sewwieq l-iehor li jkun hareg fi crossroads kontra r-right of way. Partikolarment l-ispeed eccessiv jista’ jittiehed in konsiderazzjoni meta dan ikun irrizulta fi hsara akbar fil-karozzi nvoluti fl-incident.”

Min-naha l-ohra fil-kawza **Cachia Vs Conti - PA 29/10/1963** intqal:

“Il-kontributorjeta’ ghar-responsabbilta’ ghad-danni kkawzati f’incident stradali trid tohrog mir-responsabbilta’ tal-parti ghal dak l-incident stess, u ma tistax tigi bbazata fuq il-fatt li d-danni kienu ikbar minn dawk li kienu altrimenti jkunu minhabba xi agir ta’ dik il-parti, bhas-sewqan eccessiv.”

Illi fl-istess kawza l-Qorti kkonkludiet:

"Il-Qorti, ma tarax konnessjoni bejn il-possibbli htija tal-konvenut, konsistenti f'velocita' eccessiva, u d-danni sofferti mill-attur, ladarba dina l-velocita' ma kkontribwitx ghall-incident, dina l-konnessjoni tezisti biss in vista tal-htija ta' l-attur stess, b'mod li, jekk il-konvenut ikollu jbati xi parti mid-danni, jkun bata ghall-htija mputabbli lill-attur, u dan m'ghandux isir. Kien ikun ghal kollox differenti l-kaz kieku l-konvenut ikkontribwixxa biex jigri l-incident…Hija r-responsabbilta' ta' l-incident li ghandha tiddetermina r-responsabbilta' tad-danni derivanti mill-istess incident…"

It-Tribunal jaqbel ma' din is-sentenza. Fil-fatt fil-kawza **Stanley Vs Zahra - PA 23/3/1993** gie ddikjarat:

"Gie kostantement ritenut illi velocita' eccessiva tista' tesponi lis-sewwieq ghall-proceduri kriminali, in civilibus tali velocita' ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabbilta' ta' l-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies il-kawza prossima ta' l-incident."

F'din il-kawza l-konvenuta ma gabitx evidenza biex turi li l-velocita' eccessiva kienet element determinanti. Fir-*Road Accident Report* hi qalet li rat lill-attur gej izda xorta harget.

Inoltre t-Tribunal mhux ghal kollox konvint li l-attur halla tmienja u tmenin metru *brake marks*. Illi kieku l-pulizija li nvestiga l-incident haseb li l-attur kien qed isuq b'dak l-ispeed kien missu ha passi kriminali u mhux jiddikjara li "no breaching of the MVR was observed".
Illi t-Tribunal jikkonkludi li l-incident gara ghaliex il-konvenuta harget minfejn kienet minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji.
Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm767.32c) bl-ispejjez kif mitluba u bl-

imghax mid-19 ta' Lulju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------